# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT**
**DR. RACHEL MONTEBELLO B.A. LL.D.**

**Kumpilazzjoni Nru.: 535/2018**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Mark A. Mercieca)**

**-Vs-**

**KARL BUGEJA**
(I.D. 185187M)

**Illum, 1 ta' Lulju 2021**

**Il-Qorti,**

Rat l-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront ta' **KARL BUGEJA** detentur tal-karta tal-identita numru 185187M, akkuzat talli nhar it-13 ta' Lulju 2018 ghall-habta tad-2100hrs gewwa l-Imsida:

1. Minghajr il-hsieb li joqtol jew li jqieghed il-hajja ta' Stephen Sultana f'periklu car, ikkagunalu griehi ta' natura gravi, hekk kif iccertifikat Dr. Duong Nguyen Thanh Binh (Med. Reg 5831) tal-isptar Mater Dei; Art 214, 216, 218 tal-Kap 9;

2. Aktar talli fl-istess data, hin u cirkostanza, volontarjament hassar jew ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli (misluta), liema hsara ma tiskorrix il-mitejn u hamsin ewro (250), ghad-dannu ta' Stephen Sultana u/jew persuni jew entitajiet ohra; u dan bi ksur tal-artiklu 325(1)(c) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

3. U aktar talli fl-istess data, hin u cirkostanza, saq vettura ta’ ghamla Honda b'numru ta’ registrazzjoni IBV389, b'manjiera traskurata, perikoluza u bla kont u dan bi ksur tal-artikolu 15(1)(a)(2) tal-Kap 65 tal-Ligijiet ta’ Malta;

Semghet lill-Ufficjal Prosekutur, fis-seduta tal-20 ta’ Settembru 2018 u sussegwentement fis-seduta tat-30 ta’ Ottubru 2019, jaqra u jikkonferma l-akkuzi bil-gurament;

Semghet lill-imputat jiddikjara li mhux hati tal-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tieghu;

Rat in-nota tal-Avukat Generali tat-12 ta’ Dicembru 2019[1] fejn, ghall-finijiet tal-Artikolu 370(3)(a) tal-Kodici Kriminali, indika l-artikoli tal-ligi li abbazi taghhom, hemm mahsub li tista’ tinstab htija, u cioe`:

a. Fl-Artikoli 17, 31 u 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;
b. Fl-Artikolu 214, 216 u 218 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;
c. Fl-Artikoli 325(1) (c) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;
d. Fl-Artikolu 15(1)(a)(2) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;

Semghet ix-xhieda u rat il-provi u d-dokumenti kollha;

Rat l-atti kollha.

[1] Fol. 138.

Semghet is-sottomissjonijiet orali tal-partijiet kollha waqt l-udjenza tal-10 ta' Gunju 2021;

Rat illi l-kawza thalliet ghal-lum ghas-sentenza;

Ikkunsidrat;

Mix-xhieda tal-**Ispettur Mark Mercieca**[2] jirrizulta illi fit-13 ta' Lulju, 2018 meta kien fl-Ghassa ta' Sliema, gie infurmat mill-Pulizija li kien hemm argument vicin l-iskate park tal-Imsida fejn Stephen Sultana garrab griehi gravi li kienu allegatament ikkagonati minn Karl Bugeja. Fl-14 ta' Lulju 2018 huwa baghat ghal Karl Bugeja l-Ghassa tal-Pulizija fejn innota li kellu xi griehi hfief u grif u baghtu jaghmel certifikat mediku.

Fl-20 ta' Lulju 2018 Karl Bugeja rrilaxxa stqarrija[3] fejn sahaq li meta kien hiereg minn Sliema Road, Gzira, direzzjoni Kappara Junction, kien qala' vettura li kienet qed issuq bil-mod hafna u kif rega' dahal quddiem din il-vettura, is-sewwieq beda jteptep id-dawl tal-vettura, izid fil-velocita` u riesaq vicin tan-naha ta' wara tal-vettura tieghu. Huwa qal li kif wasal vicin il-pompa tal-petrol li hemm fir-rampa tiela' ghall-iskate park, naqqas il-velocita` biex il-vettura ta' warajh tkun tista' taqbzu izda dan m'ghamlux u ghalhekk rega' kompla jsuq. Kif imbaghad fethet it-triq f'zewg karreggjati huwa waqaf bil-mod fil-karreggjata ta' gewwa izda xorta wahda l-vettura ta' warajh ma qabzitux. Minflok baqghet warajh u baqghet tpetpet id-dawl anke wara li huwa rega' saq ftit metri iktar 'il quddiem u rega' waqaf. L-imputat qal ukoll illi sadanittant, qabzuhom diversi vetturi minghajr problemi.

L-imputat, allura suspettat, kompla jispjega li ghalkemm ma jiftakarx jekk kienx hu jew is-sewwieq l-iehor li nizel l-ewwel mill-vettura, jiftakar li hargu t-tnejn li huma mill-vetturi taghhom u lis-sewwieq l-iehor, huwa saqsih ghaliex kien qed ipetpet id-

[2] Fol. 18 – 31.
[3] Fol. 4 u 5.

dawl meta seta' jaqbzu minghajr diffikolta`. Qal illi s-sewwieq l-iehor beda jghajjat, ma jafx x'qal ezatt u s-sitwazzjoni eskalat u spiccaw fl-idejn billi bdew jimbottaw lil xulxin u wara, **it-tnejn li huma taw xi daqqiet ta' ponn**. L-imputat ma jiftakarx fejn laqat lis-sewwieq l-iehor izda jiftakar biss li waqqfuhom xi persuni, rikbu fil-vetturi rispettivi taghhom u hu telaq minn fuq il-post. Waqt din il-kollutazzjoni, huwa garrab grif f'ghonqu, f'wiccu u anke f'imniehru, liema griehi gew certifikati meta huwa gie ezaminat fic-centru tas-Sahha tal-Gzira fl-14 ta' Lulju 2018.

L-imputat stqarr ukoll, waqt l-interrogazzjoni, li ma jiftakarx jekk rax demm f'wicc is-sewwieq l-iehor u rinfaccjat bl-istat ta' fatt li kien hu li hareg l-ewwel mill-vettura u sahansitra mar mat-tieqa tal-vettura l-ohra tistieden is-sewwieq l-iehor ghall-glied, l-imputat wiegeb "*ma jidhirlix li kien hekk. Niftakar biss li jiena kont kwazi wasalt mal-vettura tieghu meta hareg hu minn gewwa l-vettura*". Stqarr li jista' jkun li kien hu l-ewwel wiehed li hareg mill-vettura izda insista li l-intenzjoni tieghu kienet li jistaqsi lis-sewwieq l-iehor ghaliex baqa' jsuq warajh, ma qabzux u baqa' jteptep id-dawl. Huwa cahad illi s-sewwieq l-iehor hareg biex jikkalmah u cahad ukoll illi huwa qabad u ta daqqa ta' ponn f'wiccu, u sahaq li s-sewwieq l-iehor hareg mill-vettura jghajjat u jxejjer idejh ghalkemm ma jiftakarx u ma jafx jghid jekk is-sewwieq l-iehor kienx stiednu ghall-glied. Qal ukoll li jiddispjacih ghal dak li gara u qatt ma haseb li l-argument kien ser jeskala tant jew li kien wegga' lis-sewwieq l-iehor b'mod gravi.

**Stephen Sultana**[4] xehed illi fit-13 ta' Lulju 2018 kien ghaddej mill-Gzira direzzjoni tal-Imsida u meta wasal biex jaqbad il-karreggjata li titla' ghall-iskate park, gie xi hadd isuq karozza b'velocita` qawwija u qasamlu quddiemu. Huwa teptep id-dawl u l-vettura l-ohra bdiet miexja u zzomm brake f'daqqa quddiemu f'nofs ta' triq u huwa ghalhekk rega' petpitlu d-dawl. X'hin waslu fil-parti tat-triq fejn it-triq tinfetah f'zewg karreggjati qabel ir-roundabout, il-vettura ta' quddiemu waqfet fin-nofs u ostakolalu t-triq b'mod illi huwa ma kellux ghazla hlief jieqaf warajh ghaliex il-bankina kienet gholja wisq biex jghaddi bil-vettura tieghu. Is-sewwieq l-iehor nizel

[4] Seduta tal-20 ta' Settembru 2018, fol. 32 – 50.

mill-vettura u waqt li huwa kien ghadu fil-vettura bil-hgiega mtellgha, gie ta daqqa ta' ponn u daqqa ta' sieq lill-vettura tieghu. Dak il-hin huwa hareg mill-vettura tieghu biex jara xi hsara kien hemm fil-vettura u s-sewwieq l-iehor mar fuqu u staqsih jekk kienx teptiplu d-dawl ghaliex qabzu. "*X'hin ghidtlu iva aggredini ... Tani zewg daqqiet tefghani mal-art. ... Laqatni f'imniehri u laqatni f'ghajnejja*"[5].

Hu cahad li kien kellem hazin lis-sewwieq l-iehor u qal ukoll illi meta waqa' lura kiser subajh ta' idejh li baqa' mghawweg. Meta gie biex iqum, is-sewwieq l-iehor rega' tah daqqa ohra. Imbaghad harget il-mara mill-vettura u bdiet twerzaq u bdew gejjin in-nies biex jghinuhom. Qal ukoll illi harget mara mill-vettura tas-sewwieq l-iehor u qaltlu biex jitilqu l hemm u fil-fatt huma hekk ghamlu. Huwa gharaf lill-imputat bhala s-sewwieq li aggredih.

Stephen Sultana qal li wara l-incident, huwa baqa' sejjer flimkien ma' martu l-Ghassa tal-Pulizija tal-Imsida biex jaghmlu rapport u minn hemm baghtuh l-Isptar ghaliex kellu hafna demm niezel minn imniehru. Qal ukoll li ghandu sinna miksura filwaqt li fil-vettura tieghu sab ghafsa fil-pilastru minhabba d-daqqa ta' sieq, izda ma kienx induna biha mill-ewwel ghax ma kellux mohh: gie operat f'imniehru u wara gimgha rega' operawh. Ghadu jmur ukoll ghand id-dentist. Barra l-griehi ghamel xahar ma jmurx ghax-xoghol u minhabba d-daqqa li tah l-imputat, huwa tilef misluta tad-deheb biz-zirkona li tiswa €75, liema misluta kienet inqalghet bid-daqqa.

Meta xehed in kontro-ezami[6], Stephen Sultana tenna li huwa kellu jieqaf f'nofs ta' triq ghaliex is-sewwieq l-iehor kien ghalaq it-triq bil-vettura tieghu u waqaf warajh ghaliex ma setax jghaddi. Fisser ukoll illi s-sewwieq l-iehor qabzu minghajr ma kellu l-indicator mixghul u qasam quddiemu madwar hames metri qabel gie biex jaqbad ir-rampa li titla' ghall-iskate park. Rega' sahaq li s-sewwieq l-iehor kien qed izomm il-brake u jerga' jsuq meta kien quddiemu huma u telghin ir-rampa u dan sakemm waslu fejn ir-roundabout, meta l-vettura ta' quddiemu waqfitlu fin-nofs fit-tarf tat-triq qabel

[5] Fol. 38 u 39.
[6] Seduta 20 ta' Settembru 2018 u 3 ta' Novembru 2020.

ir-roundabout. Huwa insista illi kieku seta' jibqa' ghaddej, kien jibqa' ghaddej izda ma setax minhabba li l-vettura l-ohra waqfitlu fin-nofs. Cahad illi din il-vettura waqfet fil-genb tar-roundabout. Meta gie mistoqsi jghid ghaliex hareg mill-vettura meta l-imputat kien hebb ghalih, hu wiegeb li hareg mill-vettura biex jara xi hsara kien ghamel is-sewwieq l-iehor fuq il-karozza: "*Il-karozza kont ghadni nixtriha, kif ghafasli fuq il-bieba, daqqa ta' ponn fuq il-bieba u ser inhallih ikissirli l-karozza.*" Stqarr ukoll li huwa kien qabad lill-imputat minn ghonqu izda sostna li dan ma kienx l-ewwel haga li ghamel, u ghamel hekk biex jiddefendi ruhu wara li l-imputat kien aggredih l-ewwel.

**Mary Rose Sultana**[7] mart Stephen Sultana xehdet illi hija kienet fil-vettura ma' zewgha wara x-xoghol u kif kienu hergin mill-Gzira ghadda xi hadd bil-karozza b'certu velocita`, kiser fuqhom biex gie fil-karreggjata taghhom u r-ragel taghha teptep id-dawl. Il-vettura li giet quddiemhom bdiet issuq u tieqaf, isserrep u terga' tibbrjekja u huma ma setghu jghaddu minn imkien. Qalet li zewgha zamm ftit lura meta f'daqqa wahda s-sewwieq l-iehor waqaf hdejn il-pompa tal-petrol fin-nofs tat-triq b'tali mod li ma setghux jghaddu, hareg mill-vettura tieghu, mar fuq in-naha tar-ragel u ta daqqa ta' ponn b'kemm kellu sahha fuq il-hgiega. Qalet li l-karozza taghhom kienet gdida. Dak il-hin, zewgha hareg mill-vettura u l-iehor staqsieh jekk kienx hu li teptiptlu d-dawl u kif zewgha wiegeb fl-affermattiv, is-sewwieq l-iehor tah daqqa ta' ponn, xehtu mal-art u beda jaghti bl-addocc, f'liema stadju x-xhud harget mill-karozza u bdiet tghajjat biex jieqaf u meta gew in-nies, ikkalma. Rat illi dak il-hin harget mara minn gol-vettura l-ohra u qaltlu "*inti ha tigi*" u s-ssewwieq l-iehor telaq. Ix-xhud gharfet lil dan is-sewwieq l-iehor bhala l-imputat Karl Bugeja.

In kontro-ezami[8], Mary Rose Sultana qalet li l-imputat kien ghaddej b'velocita` kbira u kiser ghal fuqhom biex jghaddi min-naha tal-pompa tal-petrol u ghal naqra ma kienx dahal fihom. Meta ghadda quddiemhom beda jiskossja ghaliex zewgha teptiplu d-dawl u mbaghad ghalqilhom it-triq. Qalet ukoll li l-imputat hareg mill-vettura irrabjat

[7] Fol. 51 – 57.

[8] Seduta tat-3 ta' Novembru 2020.

u jsaqsi ghalfejn kienu qed iteptpu d-dawl u beda jaghti bil-ponn fuq il-hgiega. Lil zewgha ma tahx cans jitkellem, tah daqqa ta' ponn u tefghu mal-art. Meta wara l-incident qajmitu minn mal-art, rat li kellu wiccu mimli demm u imniehru miksur u qalet li marru l-Ghassa tal-Pulizija qabel marru ghand tabib ghaliex l-ewwel riedet taghmel rapport.

**L-imputat, Karl Bugeja** xehed huwa kien qed isuq minn direzzjoni Gzira kien wieqaf wara l-vettura ta' Stephen Sultana qabel ir-roundabout taħt il-flyover il-ġdida, fejn hemmhekk it-tnejn daru fuq ix-xellug fid-direzzjoni tal-Universita' lejn l-iskate park, u peress li l-vettura ta' quddiemu kienet qed tinstaq daqsxejn bil-mod, kif infetħet it-triq fi tliet karreggjati huwa daħal fit-tieni karreggjata, zied il-velocita`, qabez il-vettura ta' quddiemu u rega' daħal quddiemha. Insista illi fil-parti fejn huwa qabez quddiem il-vettura ta' quddiemu, il-linja li taqsam il-karreggjati ma kienetx wahda kontinwa li ma tippermettix it-tibdil tal-karreggjata u fil-waqt li kien qed jaghmel il-manuvra ta' sorpass, huwa kien qed isuq b'60 jew 70 kilometru fis-siegha. L-imputat kompla jghid li f'daqqa waħda, huwa nnota li l-vettura ta' warajh bdiet tpetpet ħafna d-dawl u żzid il-veloċita' tant li giet vicin hafna tal-vettura tieghu u ghalhekk, billi huwa haseb li riedet taqbzu, tefa' mal-genb vicin il-pompa tal-petrol fit-telgha. Madanakollu, ma kienx hemm bizzejjed spazju biex il-vettura ta' warajh taqbzu u ghalhekk baqa' jsuq bil-vettura ta' warajh tibqa' tteptep id-dawl u ssuq bumper ma' bumper mieghu, u waqaf mal-bankina fil-genb tat-triq fejn din tiftah f'zewg karreggjati, vicin it-tabella tal-*give way* qabel ir-roundabout tal-iskate park. Hu inisista illi fil-parti tat-triq fejn waqaf, setghu jghaddu karozzi ghaliex effettivament kien hemm karozzi li ghaddew minn magenbu.

L-imputat fisser li peress li l-vettura l-ohra baqghet tiġri warajh, huwa waqaf mal-genb tat-triq biex forsi l-vettura taqbzu u kif waqaf "*ħarist lura rajtu nieżel mill-karozza, inżilt jien ukoll.*" Kompla jispjega wkoll: "*Imbagħad ghidtlu ghalfejn qiegħed tiġri waraja, qalli għax qbiztni, ma stajtx nifhem ghalhiex qbiżtu, ma nafx ghalfejn inqala' dan il-panik kollu imbagħad at some point jiġifieri qbadna*

*nimmbutaw lil xulxin, ma nafx eżatament x'ġara imbaghad at some point, qabadni minn għonqi u hemmhekk qisni tliftha imbaghad.* Qal illi huwa ta daqqa ta' ponn "*sew*" lis-sewwieq l-iehor x'hin huwa qabdu minn ghonqu ghaliex dak il-hin inhasad. Kellu girfa u daqqa sew fuq imnieħru u kellu xi grief oħra f'għonqu.

Imbaghad, meta xehed in kontro-ezami, l-imputat cahad illi huwa waqaf biex jaghlaq it-triq u biex il-vettura ta' warajh ma tkunx tista' tghaddi u insista li anke kieku waqaf fin-nofs ta' dik il-parti mit-triq, xorta wahda kien ikun hemm bizzejjed wisa' biex din il-vettura taqbzu u tibqa' ghaddejja. Meta mbaghad gie mistqosi ghaliex hareg mill-vettura tieghu, huwa qal li ghamel hekk ghaliex is-sewwieq l-iehor beda jpetpitlu d-dawl u jigri *bumper* ma' *bumper* mieghu u ried ihallih jaqbzu u jibqa' ghaddej. Stqarr ukoll illi meta huwa waqaf, ittawwal u ra lis-sewwieq l-iehor hiereg mill-vettura tieghu u ghalhekk, huwa hareg ukoll. Meta gie konfrontat bil-verzjoni li kien irrilaxxa fl-istqarrija tieghu, l-imputat insista illi meta huwa hareg mill-vettura tieghu, is-sewwieq l-iehor kien diga' barra. Hu xehed: "*Le, le mhux ghalhekk ħriġt jiena, jien u ħiereġ rajtu ħareġ hu ukoll, qisu ħriġna fl-istess ħin.*" Imbaghad fisser illi meta hareg mill-vettura tieghu biex jara xi jrid is-sewwieq l-iehor, ghaliex kien baqa' jteptiplu d-dawl, l-iehor kien diga' hareg mill-vettura u kien ukoll *"diga' ixejjer idu kien qieghed jistieden il-glied"*. Qal ukoll li huwa hareg mill-vettura tieghu biex jghid lis-sewwieq l-iehor biex jitlaq izda ma telaqx. Izda cahad illi kif is-sewwieq l-iehor ikkonferma li kien qed iteptiplu d-dawl huwa minnufih tah tliet daqqiet ta' ponn f'wiccu. Ghalkemm ammetta li tah daqqa ta' ponn f'wiccu, l-imputat ma ftakarx fejn tahomlu u f'liema stadju tahomlu. L-imputat qal ukoll li hlief ghall-fatt li s-sewwieq l-iehor qallu li tteptiplu d-dawl ghax qabzu, ma jiftakarx id-diskors dak il-hin u ma tax kaz jekk is-sewwieq l-iehor kienx liebes in-nuccali jew jekk kellux xi griehi f'wiccu. Jiftakar biss li imbottaw lil xulxin izda ma setax jiftakar jekk kienx l-ewwel wiehed li imbotta.

Ikkunsidrat;

Fil-kaz li ghandha quddiemha, il-Qorti hija rinfaccjata b'zewg verzjonijiet kunfliggenti dwar is-sekwenza tal-fatti li waslu ghall-argoment bejn l-imputat u Stephen Sultana, kif ukoll dwar dak li effettivament sehh waqt din il-kollutazzjoni. Filwaqt li l-verzjoni tal-Prosekuzzjoni hi li l-imputat ghalaq it-triq bil-vettura tieghu, hareg mill-vettura, qabad jaghti fuq il-vettura ta' Stephen Sultana u sussegwentement, meta l-istess Stephen Sultana hareg mill-vettura, beda jsawtu; min-naha tieghu l-imputat Karl Bugeja jishaq illi huwa fl-ebda mument ma ghalaq it-triq ghall-vettura ta' warajh u li z-zewg sewwieqa mhux biss hargu mill-vetturi rispettivi taghhom fl-istess hin izda wkoll qabdu jimbottaw lil xulxin. L-imputat jammetti li huwa kien ta daqqa ta' ponn lil Stephen Sultana izda sostna li dan ghamlu wara li bdew jimbottaw lil xulxin u wara li Stephen Sultana kien qabdu minn ghonqu.

Il-Qorti ma ghandhiex il-konfort ta' xi prova oggettiva bhal filmat tal-incident, li kien ikun ferm utili biex jirrizolvi l-ekwivoci u jelimina d-dubji dwar dak li jkun effettivament sehh u biex jafferma jew inaqqas mill-kredibbilita` ta' wahda jew l-ohra mill-verzjonijiet kuntrastanti tax-xhieda u l-partijiet.

M'humiex infrekwenti dawk il-proceduri fejn il-fatti li johorgu mill-provi ma jaqblux ma' xulxin jew ikun hemm xhieda li addirittura jghidu bil-maqlub ta' xulxin u ghall-fini tal-evalwazzjoni tal-kredibbilita` tax-xhieda f'kazijiet bhal dawn, huma relevanti d-dispozizzjonijiet tal-Artikolu 637 tal-Kodici Kriminali. Dawn jipprovdu li ghal dak li jirrigwarda xhieda ta' eta` minuri, xhieda tal-imputat kif ukoll ix-xhieda ta' persuni ohrajn imsemmija mill-Artikolu 633 u mill-Artikolu 636 tal-istess Kodici, fosthom persuni li jkollhom interess fil-kwistjoni li fuqha tkun mehtiega x-xhieda tagħhom, jew fir-rizultat tal-kawza, id-decizjoni dwar il-kredibbilta` ta' dawn ix-xhieda tithalla fid-diskrezzjoni ta' min ghandu jiggudika l-fatti. Dan ghandu jsir billi jittiehed qies mill-gudikant tal-imgieba, kondotta u karattru tax-xhud, tal-fatt jekk ix-xhieda ghandhiex mis-sewwa jew hijiex konsistenti, u ta' karatteristici ohra tax-xhieda tieghu, u jekk ix-xhieda hijiex korroborata minn xiehda ohra, u tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.

Ghandu jinghad illi kif gie ritenut mill-Qorti fl-Appell Kriminali fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Joseph Thorne**[9], mhux kull konflitt fil-provi ghandu necessarjament iwassal ghal-liberazzjoni tal-persuna akkuzata ghaliex f'kaz ta' konflitt fil-provi, «*... il-Qorti trid tevalwa l-provi skond il-kriterji enuncjati fl-Artikolu 637 tal-Kodici Kriminali w tasal ghall-konkluzjoni dwar lil min trid temmen u f'hiex ser temmnu jew ma temmnux*».

Inoltre, ghal dak li jirrigwarda l-kredibbilta` tax-xhieda, l-Artikolu 638 tal-Kodiċi Kriminali jaghmilha car li filwaqt li huwa fid-dover tal-Prosekuzzjoni li ggib il-provi kollha u l-ahjar prova possibbli sabiex il-grad tal-prova mehtieg ghas-sejbien ta' htija kriminali, jintlahaq b'success, is-subartikolu (2) tal-istess Artikolu jistipola li xhud wiehed wahdu, jekk emnut, huwa sufficjenti biex il-kaz jigi ppruvat skont il-ligi. Dan il-principju gie ripetutament riaffermat fil-gurisprudenza tal-Qrati taghna in materja.

Madanakollu, minn evalwazzjoni tat-testimonjanza tax-xhieda li ddeponew quddiemha fil-kaz odjern, anke fl-isfond tal-verzjonijiet rilaxxati mix-xhieda ftit wara li sehh l-incident, il-Qorti tqis illi m'huwiex daqstant difficli tirrizolvi l-kunflitt fil-provi. Wara kollox, il-Qorti semghet ix-xhieda u rat il-komportament tax-xiehda fuq il-pedana u ma tistax ma tirrimarkax illi hija osservat differenza sostanzjali bejn il-konsistenza assoluta – ghad illi genwina – bejn fuq naha wahda il-verzjonijiet ta' Stephen Sultana u martu Mary Rose Sultana li entrambi stqarrew bla tlaqliq dak kollu li sehh jew li raw isehh, u d-diversi kontradizzjonijiet u inkonsistenzi tal-verzjoni tal-imputat. Dawn l-inkonsistenzi jizdiedu meta x-xhieda tieghu tigi mqabbla ma' dak li stqarr huwa stess waqt l-interrogazzjoni tieghu mill-Pulizija fl-14 ta' Lulju 2018, fejn tispikka b'mod evidenti r-reticenza tieghu biex iwiegeb b'mod dirett u inekwivoku ghall-iktar domandi relevanti, fosthom jekk kienx hu jew is-sewwieq l-iehor li nizel l-ewwel mill-vettura, min minnhom beda jimbotta lill-iehor l-ewwel u min beda

[9] Deciza 9.7.2003.

jimbotta lil min, fejn kien laqat lil Stephen Sultana u jekk rax demm f'wicc is-sewwieq l-iehor.

Il-Qorti wara li semghet lill-imputat jixhed, hija tal-fehma li ftit tista' taghti affidabbilita` lill-verzjoni tieghu li huwa kien waqaf biex ihalli l-vettura ta' warajh tghaddi, li huwa hareg mill-vettura semplicement biex jistaqsi lis-sewwieq l-iehor ghalfejn kien qed iteptipliu d-dawl u li huwa ta daqqa ta' ponn lil Stephen Sultana ghaliex kien qabdu minn ghonqu. Il-Qorti tosserva illi fuq il-pedana tax-xhieda kwazi tliet snin wara l-incident, l-imputat donnu ftakar ferm iktar dettalji u dan b'mod iktar limpidu milli kien ftakar l-ghada tal-incident innifsu meta baghtu ghalih il-Pulizija. Ghalkemm fl-istqarrija tieghu l-imputat jikkoncedi eventwalment illi kien hu li hareg mill-vettura l-ewwel u kien kwazi wasal mal-vettura l-ohra qabel Stephen Sultana hareg minnha, din il-verzjoni regghet giet michuda minnu quddiem il-Qorti fejn innega li huwa kien mar mat-tieqa tal-vettura l-ohra biex jistieden lis-sewwieq l-iehor ghall-glied u insista li huwa hareg mill-vettura fl-istess waqt li Stephen Sultana hareg mill-vettura tieghu.

Il-Qorti thoss li ghandha tirrimarka wkoll illi l-verzjoni li jirrizulta mix-xhieda ta' Stephen Sultana u martu hija wkoll pjenament konformi u konsonanti ma' dik il-verzjoni li rrapportaw lil PC145 Alan Joseph Abela[10] minnufih wara li sehh l-incident, ghall-habta tad-9.15 p.m., tabilhaqq qabel marru l-Isptar minhabba l-griehi li garrab l-istess Stephen Sultana. Fix-xhieda tieghu, PC145 spjega kif Stephen Sultana rrapporta illi waqt li kien ghaddej bil-vettura qabel l-iskate park, qabez wiehed quddiemu billi biddel il-karregjata minghajr ma xeghel l-indicator, u billi huwa nhsad, xeghel id-dawl biex jigbidlu 1-attenzjoni. Stephen Sultana qallu wkoll li x-xufier tal-vettura l-ohra waqaf quddiemu ghas-sodisfazzjon u hareg ghalih u tah daqqa fuq il-vettura, f'liema waqt, meta huwa ra li ha jibda jaghmillu l-hsara fuq il-karozza, Stephen Sultana hareg mill-vettura u l-iehor refa' jdejh fuqu. Dan kollu jinsab fir-

[10] Fol. 77 – 81.

rapport tal-okkorrenza maghmul *a tempor vergine*[11] li jkompli jikkonforta x-xhieda ta' Stephen Sultana u martu anke ghal dak li jikkoncerna l-fatt li l-imputat kien waqqaf il-vettura tieghu fin-nofs tat-triq, hareg mill-vettura tieghu, beda jaghti bis-sahha fuq it-tieqa tax-xufier u aggredixxa lill-istess Stephen Sultana b'talanqas daqqa ta' ponn wahda f'wiccu.

Ikkunsidrat;

Il-ligi penali ma tehtiegx li biex persuna tigi misjuba hatja tkun trid tigi instawrata f'mohh il-gudikant, ic-certezza assoluta, u dan ghaliex huwa rari li jigi riskontrat dan il-livell ta' prova. Fl-ordinament guridiku taghna huwa bizzejjed ghas-sejbien ta' htija kriminali, li qorti ta' gustizzja kriminali tkun konvinta lil hinn minn kull dubju dettat mir-raguni mill-provi imressqa mill-Prosekuzzjoni, u li dawn il-provi ma jkunux gew newtralizzati mid-difiza fuq bazi ta' probabbilta`. Dan il-grad ta' prova hija l-oghla *threshold* ta' prova li l-ligi tehtieg fis-sistema guridiku taghna sabiex Qorti ta' gustizzja kriminali tkun tista' ssib persuna akkuzata hatja ta' reat kriminali.

Sabiex tara jekk dan il-livell probatorju jkun intlahaq fil-kaz partikolari l-Qorti trid tara jekk u safejn persuna tkun qed tixhed is-sewwa bil-principji provduti lilha fl-Artikolu 637 tal-Kodici Kriminali.

*« Jekk il-Qorti tqis li, applikati dawn il-principji, xhud ikun qieghed jixhed is-sewwa, allura tkun tista' toqgħod fuq dak li jkun qed jgħid jew fuq parti minn dak li jkun qed jgħid skont il-każ. Jispetta dejjem lil min ikun irid jiġġudika l-fatti jiddeċiedi jekk, applikati dawn il-prinċipji, jemminx xhud f'dak kollu li jkun qed jgħid jew safejn jemmen minn dak li jkun qed jgħid, u dan japplika wkoll meta x-xhud ikun xhud waħdieni tal-fatti allegati. Huwa biss meta jkun hemm id-dubju veru, bażat fuq ir-raġuni, fuq is-sens komun u fuq il-buon sens, u fuq stħarriġ dettaljat u b'attenzjoni, b'diliġenza u b'mod imparzjali tal-provi u l-argumenti kollha li jkunu ġew imresqin*

[11] Dok. AA, fol 82 *et seq*. tal-atti.

*mill-Prosekuzzjoni u mid-Difiża li jwassal sabiex dak il-livell ta prova lil hinn minn kull dubju dettat mir-raġuni jkun jista' jingħad li ma ntlaħaqx u li allura, bħala konsegwenza, l-akkużat ikun irid jiġi dikjarat mhux ħati talakkużi miġjuba kontrih.* »[12]

Applikati ghall-fatti ta' dan il-kaz ir-regoli u l-insenjament in materja tal-evalwazzjoni tal-kredibbilita` tax-xhieda u tal-prova mehtiega fil-kamp kriminali, kif fuq enuncjat, il-Qorti hija tal-fehma illi abbazi tal-konsiderazzjonijiet diga` maghmula, ghandha taghti affidabbilita` lill-verzjoni ta' Stephen Sultana, li giet konfortata pjenament mix-xhieda ta' martu, liema xhieda, wara giet evalwata mill-Qorti bl-applikazzjoni tal-kriterji elenkati fl-Artikolu 637 tal-Kap. 9, tipperswadiha li l-verzjoni taghhom hija veritjera. Konsegwentement, il-Qorti ma ghandha l-ebda rizervi kwalsiasi sabiex tqis ix-xiehda ta' Mary Rose Sultana bl-istess mod sħiħ u ferm, daqs li kieku dawk il-fatti ġew ippruvati minn persuna barranija jew minn wieħed li m'għandu xejn x'jaqsam mal-kaz.

Il-Qorti hija moralment konvinta wkoll illi l-imputat waqaf fit-triq deliberatament b'mod li l-vettura ta' warajh ma setghetx tghaddi, hareg mill-vettura tieghu ghas-sodisfazzjon, hebb ghal Stephen Sultana billi sabbat bis-sahha fuq il-hgiega tal-vettura tieghu u wara li huwa hareg mill-vettura u sehhet kollutazzjoni, l-imputat aggredih billi fost ohrajn, tah talanqas daqqa ta' ponn wahda f'wiccu.

Konformement, tqis mhux biss illi l-Prosekuzzjoni rnexxielha tipprova fil-grad mehtieg ghas-sejbien ta' htija kriminali illi l-imputat li hareg mill-vettura rrabjat biex jikkonfronta lis-sewwieq l-iehor u stiednu ghall-glied billi ta bil-ponn fuq il-bieba tal-vettura l-ohra, kif ukoll aggredih billi imbottah u waqt il-kollutazzjoni li segwiet, tah talanqas daqqa' ta' ponn wahda f'wiccu.

Ikkunsidrat;

[12] **Il-Pulizija vs Clifford Bugeja** – deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali fil-5.12.2019.

Id-difiza waqt it-trattazzjoni sollevat l-attenwanti tal-provokazzjoni u sottomettiet illi ghalkemm huwa minnu li l-imputat ta daqqa ta' ponn lil Stephen Sultana, din kienet ir-rejazzjoni tieghu li giet provokata mill-fatt li l-istess Stephen Sultana kien qabdu minn ghonqu.

Dan l-attenwanti, f'reat ta' offiza volontarja, huwa kontemplat mill-Artikolu 230 u 227(c) tal-Kap. 9[13] u huwa pacifiku li diversament mil-legittima difiza, il-beneficcju ta' dan l-attenwanti jinghata biss meta l-provokazzjoni, ossia l-att provokatorju, ikun tali li f'nies ta' temperament ordinarju komunement igib l-effett li dak li jkun ma jkunx jista' jqis l-effett tad-delitt u jitlef il-kontroll tieghu[14]. Ghalhekk, jirrizulta li hemm zewg elementi li jsawru dan l-iskuzanti u cioe` fl-ewwel lok, il-provokazzjoni trid tkun wahda ingusta u trid tkun oggettivament riskontrabbli, u fit-tieni lok trid tkun saret filwaqt tal-azzjoni li taghha tingieb bhala skuza.

Applikat dan l-insenjament ghall-fattispecje tal-kaz in dizamina, il-Qorti ma rriskontrat l-ebda prova sal-grad tal-probabbli, li l-imputat gie provokat minn Stephen Sultana jew li d-daqqa ta' ponn li huwa xejjirlu kienet ir-rejazzjoni tieghu ghal xi provokazzjoni ingusta fil-konfront tieghu.

Il-Qorti tosserva illi ghalkemm l-imputat isostni li huwa waqaf mal-genb tat-triq biex ihalli lill-vettura ta' warajh tghaddi u titlaq, effettivament huwa ma ghamel xejn minn dan izda ghall-kuntrarju, huwa hareg mill-vettura f'waqt meta, *ex admissis* ma kienx ghadu jaf jekk is-sewwieq ta' warajh kienx waqaf huwa stess jew kien hareg mill-vettura. Wara hafna konfuzjoni fit-twegibiet tieghu dwar meta hareg mill-vettura u r-

[13] 230. L-offiża volontarja fuq il-persuna hija skużabbli – … (b) *fil-każijiet magħdudin bħala skuża għall-omiċidju volontarju fl-artikolu 227(c).* L-Artikolu 227(c) tal-Kap. 9 jipprovdi illi l-omicidju volontarju hu skuzabbli:- *"… meta jsir minn persuna fil-waqt li tkun taħt l-influwenza immedjata ta' passjoni istantanja jew aġitazzjoni tal-moħħ illi minħabba fiha, fil-waqt tad-delitt, ma tkunx tista' tqis l-egħmil tagħha. … sabiex l-akkużat jitqies li ma kienx jista' jqis l-egħmil tiegħu, jinħtieġ illi fil-fatt l-omiċidju jkun sar minħabba saħna ta' demm u mhux għaliex kien hemm ilħsieb magħmul tal-qtil ta' persuna jew ta' ħsara gravi fuq il-persuna, u illi r-raġuni kienet tali illi, f'nies ta' temperament ordinarju, komunement iġġib l-effett li ma jkunux kapaċi li jqisu l-konsegwenzi tad-delitt.*

[14] Imbaghad l-Artikolu 229 jipprovdi dwar dawk l-istanzi fejn l-iskuża msemmija fl-artikolu 227(ċ) tal-Kap. 9, mhix ammissibbli.

raguni ghalfejn hareg u min hareg l-ewwel mill-vetturi rispettivi, l-imputat finalment xehed hekk fir-rigward:-

*Qorti:* *U inti ħriġt qabel rajtu joħroġ mill-karozza tiegħu?*

*Xhud:* *Jiena at the point li ħriġt, le ma rajtux, jiena at the point li ħriġt mill-karozza tiegħi, kien ħareġ hu ukoll.*

Kif inghad, din il-verzjoni tikkuntrasta ma' dak mistqarr mill-imputat waqt l-interrogazzjoni tieghu u l-Qorti ma tistax twarrab dawn l-inkonsistenzi ripetuti mhux biss bejn il-verzjoni tal-imputat moghtija quddiem il-Qorti u dik li tirrizulta fl-istqarrija, izda wkoll fix-xhieda tieghu in kontro-ezami. *Multo magis* meta dawn jitqieghdu fl-isfond tal-verzjoni univoka ta' Stephen Sultana li giet korroborata pjenament minn martu cioe` li wara li huwa petpet id-dawl lill-vettura li qabzitu, din bdiet issuq bl-iskossi sakemm waslu fejn ir-roundabout u waqfitlu fin-nofs f'liema waqt l-imputat hareg mill-vettura u ta daqqa ta' ponn fuq il-bieba tal-vettura ta' Stephen Sultana. S'hawnhekk il-Qorti ma tirravviza l-ebda provokazzjoni jew azzjoni ingusta da parti ta' Stephen Sultana.

Ghall-kuntrarju, l-azzjoni ingusta kienet dik tal-imputat li waqqaf il-vettura tieghu fin-nofs tat-triq u hareg mill-vettura biex jaffronta lis-sewwieq l-iehor u biex jistiednu ghall-glied.

Il-Qorti hija wkoll moralment konvinta illi Stephen Sultana hareg mill-vettura tieghu biss wara li l-imputat avvicina l-vettura tieghu u sabbat fuq il-hgiega. S'hawnhekk ma jirrizulta l-ebda provokazzjoni ingusta da parti ta' Stephen Sultana: il-fatt li hareg mill-vettura tieghu ma jistax jitqies bhala azzjoni ingusta fil-konfront tal-imputat jekk dik kienet tabilhaqq l-azzjoni li ried jipprovoka l-imputat innifsu minghand Stephen Sultana. Stephen Sultana xehed konsistentement illi kien l-imputat li aggredih l-ewwel wara li huwa hareg mill-vettura biex jara xi hsara kien ghamillu fil-bieba u mill-provi, il-Qorti hija konvinta illi kien l-imputat li hebb ghal Stephen Sultana u

aggredih u mhux bil-kontra, u dan ghaliex huwa kien irrabjat wara li Stephen Sultana teptiplu d-dawl tal-vettura[15]. Huwa xehed hekk:- "*Jien hrigt biex nara hekk ghamillix xi hsara u gie fuqi qalli inti teptipli d-dawl ghax qbiztek? X'hin ghidltu iva aggredini. Tani zewg daqqiet tefghani mal-art'*"'[16] u l-Qorti, fl-assjem tac-cirkostanzi u wara li evalwat il-komportament tax-xhieda fuq il-pedana tax-xhieda, ma ghandha ebda rizervi sabiex temmen bis-shih il-verzjoni ta' Stephen Sultana u ta' martu fir-rigward.

Wara li qieset il-verzjoni tal-imputat, mizghuda bl-inkonsistenzi, il-Qorti m'hijiex sodisfatta li huwa ppruvat sal-grad tal-probabbli li Stephen Sultana pprovoka lill-imputat b'xi azzjoni ingusta. Effettivament, ma tirravviza l-ebda azzjoni ingusta da parti ta' Stephen Sultana: il-fatt illi huwa teptep id-dawl lill-vettura li hasditu b'manuvra hesrem u l-fatt li seta' hareg mill-vettura tieghu aggressivament wara li l-imputat ta bil-ponn fuq il-bieba ma jikkostitwixxux fatt ingust, anke ghaliex din l-azzjoni ma saritx fil-waqt tal-azzjoni li taghha tingieb bhala skuza[17].

M'hijiex konvinta lanqas illi l-imputat ta bil-ponn lil Stephen Sultana ghaliex il-vittma qabdu minn ghonqu u li din l-azzjoni tikkostitwixxi provokazzjoni ingusta ghall-fini tal-attenwanti invokata ghad-difiza tal-imputat. Ghalkemm, kif inghad, huwa minnu li Stephen Sultana ammetta li f'xi waqt huwa qabad lill-imputat minn ghonqu u jista' jkun li b'hekk kien hu li kkagunalu l-griehi f'ghonqu, huwa ovvju li din il-mossa sehhet waqt kollutazzjoni provokata minn hadd iktar hlief mill-imputat innifsu. **Hu minnu li l-argoment skala izda l-Qorti hija konvinta li l-kollutazzjoni shiha tqanqlet unikament mill-azzjonijiet tal-imputat u ghalhekk, l-imputat ma jistax jispettezza l-argoment li lanqas jiftakar x'sehh fih u min beda jimbotta lil min, biex imbaghad jinvoka xi griehi li huwa seta' soffra waqt din l-istess kollutazzjoni li pprovoka huwa stess, bhala element in sostenn tad-difiza tal-**

[15] Mary Rose Sultana xehdet li l-imputat hareg mill-vetttura "irrabjat" – fol. 156.
[16] Fol. 38.
[17] F'sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appelli Kriminali deciza fl-10 ta' Settembru 2004 fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Paul Abela**, gie deciz:- *"Meta tigi biex tqies l-iskuza tal-provokazzjoni ghandha tithares ir-regola migjuba fl-artikolu 235, li jfisser li l-provokazzjoni ma tiswiex jekk ma tkunx saret fil-waqt ta'l-azzjoni li taghha tingieb bhala skuza. Pero' dejjem irid ikun hemm provokazzjoni ingusta …"*

**provokazzjoni.** Wara kollox, l-imputat innifsu eskluda l-grad tal-probabbilita` ta' din il-verzjoni ta' fatti meta xehed hekk:-

*"... imbagħad at some point jiġifieri qbadna nimmbutaw lil xulxin, ma nafx eżatament x'ġara imbaghad at some point, qabadni minn għonqi u hemmhekk qisni tliftha imbaghad.*"

Imbaghad, meta xehed in kontro-ezami, l-imputat stqarr bla tlaqliq li m'ghandux idea jekk kienx hu li imbotta lil Stephen Sultana l-ewwel u stqarr ukoll hekk:-

"Dr. Farrugia Sacco: *L-ewwel hu qabdek minn għonqok jew l-ewwel xejjirtlu daqqa ta' ponn?*

Xhud: *Min ta l-ewwel ... naf li imbuttajna l'xulxin ... kif bdiet id-dettalji ezatt ma nafx..."*

Fuq kollox, Stephen Sultana xehed konsistentement li kien l-imputat li aggredih l-ewwel. Il-Qorti ma tistax ma tosservax ukoll illi minkejja li l-imputat isostni li huwa ta daqqa ta' ponn lil Stephen Sultana ghaliex irrejagixxa ghall-fatt li kien qabdu minn ghonqu, huwa baqa' ma rrapportax dan l-incident lill-Pulizija u baqa' lanqas mar jiehu l-kura u jiccertifika l-griehi li garrab f'dan l-argoment hlief wara li l-Pulizija ghamlu kuntatt mieghu l-ghada. Il-Qorti tistenna li kieku huwa minnu l-imputat tant kien ipprovokat b'din l-allegat aggressjoni ta' Stephen Sultana - li, skont l-imputat, ipprecipitat ir-rejazzjoni tieghu - kien jirrapporta dan *a tempor vergine* u jiehu hsieb jippreserva l-prova b'mod spontaneu u mhux jitlaq mill-post biex jibqa' sejjer ghand siehbu kif miftiehem minn qabel l-incident qiesu ma gara xejn, u jhalli lill-Pulizija jibghatu ghalih.

Ghaldaqstant, il-Qorti filwaqt li hija sodisfatta li l-Prosekuzzjoni rnexxielha tipprova fil-grad mehtieg fil-kamp kriminali, illi l-imputat aggredixxa lil Stephen Sultana, fin-

nuqqas ta' provi sal-grad tal-probabbli tal-provokazzjoni ingusta da parti ta' Stephen Sultana li hija oggettivament riskontrabbli, id-difiza tal-provokazzjoni ma tistax tirnexxi.

Ikkunsidrat;

Jibqa' biex jigi mistharreg u stabbilit, ghall-fini ta' htija o meno ghar-reat taht l-Artikolu 216 u 218 tal-Kap. 9, kif addebitat fl-ewwel imputazzjoni, jekk l-imputat ghandux jinstab hati li kkaguna offiza gravi fuq il-persuna ta' Stephen Sultana.

Stephen Sultana xehed illi l-imputat tah zewg daqqiet f'imniehru u f'ghajnejh, u tefghu mal-art[18]. Xehed ukoll illi kif waqa' lura, kiser is-suba' ta' idejh li ghadu mghawweg sal-lum u kif qam kif seta', l-imputat rega' tah daqqa ohra, f'liema stadju harget martu mill-vettura, bdiet twerzaq, bdew gejjin in-nies biex jghinuh u l-imputat telaq minn fuq il-post. Xehed ukoll illi kellu hafna demm niezel minn imnierhu u sinna miksura u ghamel xahar ma setax imur ghax-xoghol. Il-griehi li garrab Stephen Sultana jidhru fir-ritratti esebiti fl-atti[19] u gew certifikati fid-dokument li jifforma parti mil-kopja legali tal-file mediku tieghu fl-Isptar Mater Dei[20] li minnu jirrizulta illi fit-13 ta' Lulju 2018 fil-21.20h huwa gie invistat mit-tabib Dr. Thanh Binh Duong Nguyen fid-Dipartiment tal-Emergenza gewwa l-istess Sptar[21].

Ghalkemm dan it-tabib mediku ma xehedx quddiem il-Qorti biex jikkonferma r-rizultanzi tal-ezami mediku li huwa kkonduca fuq il-persuna ta' Stephen Sultana u biex jixhed dwar l-offizi li rriskontra, il-Qorti hatret bhala espert mediku lil Mr. Kenneth Muscat[22], konsulent ortopediku bl-inkarigu li jikkostata n-natura tal-griehi

---

[18] Xhieda ta' Stephen Sultana, 20 ta' Settembru 2018, fol. 38 u 39.
[19] Dok. MM5 sa Dok. MM9, fol 31.
[20] Dok. DVC1 - fol. 107 - 109.
[21] Hemmhekk gie registrat hekk:- *"50 y.o.m. involved in a fight, got punched x 3 directly to face …. Tender R eye on movement. Also report falling down … pt mentioned his 5th finger L hand was deformed but he pulled it back"*. Jirrizulta wkoll mit-triage li sar fit-13 ta' Lulju 2018 fil-21:41H – "*Triage complaint: « pt allegedly beaten up this pm. Heamatomas present forehead, both eyes, nose and l ear. Pt feeling dizzy and headaches*."
[22] Nomina tat-2 ta' April 2019.

subiti minn Stephen Sultana b'rizultat tal-incident li sehh fit-13 ta' Lulju 2018 u l-permanenza o meno ta' dawn l-offizi, u dan ukoll permezz ta' access ghall-file mediku tal-vittma.

Effettivament, mix-xhieda tal-espert mediku jirrizulta li huwa kkonsulta l-imsemmija noti medici ta' Stephen Sultana fl-Isptar Mater Dei u minnhom jirrizulta li fit-13 ta' Lulju, 2018 allegatament huwa qala' daqqiet ta' ponn f rasu, wiccu u mniehru. L-espert ikkonferma wkoll illi minn dan il-file mediku jirrizulta li sar CT scan tal-mohh u tal-ghadam tal-wicc dakinhar stess, liema CT scan indika li kien hemm frattura fl-ghadam tal-mnieher u minhabba d-deformita' rizultanti, saritlu operazzjoni fit-23 ta' Lulju 2018. L-espert ikkonferma ulterjorment illi dakinhar li gie ezaminat fid-Dipartiment tal-Emergenza l-Isptar Mater Dei, gie nnutat li Stephen Sultana kellu problema wkoll f'wahda mis-snien tax-xellug kif ukoll problema ta' diformita fis-suba' tal-id ix-xellugija, u dan skont ma rrizulta minn X-ray li ttiehed fit-13 ta' Lulju 2018. Huwa kkonferma li dawn l-offizi huma ta' natura gravi.

Kwantu ghall-offiza fl-imnieher, mill-ezamijiet li kkonduca personalment l-espert mediku fuq Stephen Sultana fit-23 ta' April 2019, hu seta' jinnota illi l-imnieher kien ghadu daqsxejn mghawweg lejn in-naha tax-xellug. Inoltre, il-qarquca tal-imnieher baqghet mghawga lejn in-naha tal-lemin minkejja l-operazzjoni li saritlu fit-23 ta' Lulju 2018 u billi din baqghet tikkawza sadda fl-imnieher, kien hemm bzonn ta' operazzjoni ulterjuri (septoplasty) biex din titranga.

Fir-rapport tieghu, l-espert mediku ikkonkluda hekk:-

*Since the injury happened more than 10 months ago, there is not going to be any further change in his clinical condition. His problem has stabilised and the bones now have fused into a permanent shape. On examination, a deviation of the septal cartilage to the right was found to be blocking the right nasal passage and it was confirmed that the nasal bony vault is mild deviated objectively to the left. ...*"

Il-Qorti trid tistabbilixxi jekk din l-offiza ghandhiex titqies bhala offizi ta' natura gravissima a tenur tal-Artikolu 218, jew ta' natura gravi a tenur tal-Artikolu 216 tal-Kapitolu 9, jew inkella bhala offiza ta' natura hafifa a tenur tal-Artikolu 221 tal-istess Kap. 9.

Illi l-principji li jirregolaw il-klassifikazzjoni ta' griehi ghall-fini ta' proceduri kriminali huma ben stabbiliti fl-ordinament guridiku taghna, fejn jinsab ritenut pacifikatament illi:-

*"Il-kwistjoni ta' jekk offiza hiex wahda hafifa u ta' importanza zghira, hafifa, gravi jew gravissima hi wahda ta' fatt u ghalhekk rimessa ghall-gudikant tal-fatt (fil-kaz ta' guri, ghalhekk, rimessa f'idejn il-gurati; fil-kaz odjern rimessa f'idejn il-gudikant ta' l-ewwel grad...). Ma hix, ghalhekk, kwistjoni, li tiddependi neccessarjament jew esklussivament fuq "opinjoni medika". It-tabib jew tobba jispjegaw x'irriskontraw bhala fatt; u, jekk il-qorti tippermettilhom, jistghu joffru l-opinjoni taghhom dwar, fost affarijiet ohra, kif setghet giet ikkagunata dik l-offiza, jew ma' xhiex huma kompatibbli s-sintomi li jkunu gew klinikament riskontrati. Ikun jispetta mbaghad ghall-gudikant tal-fatt li, fid-dawl mhux biss ta' dak li jkun xehed it-tabib izda fid-dawl tal-provi kollha, jiddetermina n-natura ta' l-offiza."*[23]

Minn dak li xehed l-espert mediku Kenneth Muscat, jirrizulta li Stephen Sultana soffra deformita` f'imniehru bhala rizultat tat-trauma li garrab bid-daqqiet li tah l-imputat, liema deformita` **tikkonsisti (i) fid-devjazzjoni lejn ix-xellug tal-ghadma tal-imnieher u kif ukoll (ii) fit-tghawwig tal-qarquca u ostruzzjoni fil-passagg nazali**.

Il-paragrafi tal-Artikolu 216 tal-Kap. 9 li huma relevanti ghall-offizi in dizamina, huma s-segwenti paragrafi tas-subartikolu (1), li jiddisponu li l-offiza fuq il-persuna hija gravi:-

---

[23] **Il-Pulizija vs Joseph Azzopardi** – Qorti tal-Appell Kriminali, deciza 30 ta' Lulju 2004.

*a) jekk tista' ġġib periklu -*
…
*(ii) ta' debbulizza permanenti fis-saħħa jew fil-funzjoni ta' xi parti tal-ġisem; jew*
*(iii) ta' difett permanenti f'parti tal-għamla tal-ġisem;*
…
*(b) jekk iġġib mankament jew sfreġju fil-wiċċ, fil-għonq jew f'waħda mill-idejn tal-offiż;*

Kwantu ghall-asimettrija fl-ghadma tal-imnieher u t-tghawwig tal-qarquca tal-imnieher u l-konsegwenti ostruzzjoni fil-passagg nazali, il-Qorti hija tal-fehma illi ghalkemm huwa stabbilit mir-rapport tal-espert mediku illi dawn huma ta' natura permanenti, il-Qorti ma taqbilx illi dawn l-offizi jistghu jgibu perikolu ta' debbulizza permanenti fil-funzjoni tal-imnieher a tenur tal-paragrafu (ii) tal-Artikolu 216(1)(a)[24]. Teskludi wkoll illi dawn jistghu jitqiesu bhala mankament fil-wicc.

A propositu ta' mankament, fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Paul Spagnol** tat-12 ta' Settembru 1996, gie ritenut hekk:

"*B'mankament … fil-wicc, il-ligi qed tirreferi ghal kull deterjorament ta' l-aspett tal-wicc li, anke minghajr ma jnissel ribrezz jew ripunjanza, jipproduci notevole o complessivo, o per l-entita' della aterazjoni stess, o per l-espressione d'assieme del volto" (Manzini, V., Trattato di Diritto Penali, Volume Ottavo, Cap. XXVIII, p. 235).*"

Izda fil-kaz in dizamina, jemergi mir-relazzjoni tal-espert mediku illi t-tghawwig fl-ghadma tal-imnieher huwa minimu[25].

Sfregju, mill-banda l-ohra u a differenza ta' mankament, hija kull hsara li tista' ssir fir-regolarita' tal-wicc, fl-armonija tal-lineamenti tal-wicc, u anke f'dik li hija s-sbuhija tal-wicc. Skont l-insenjament pacifiku in materja, biex l-offiza titqies bhala sfregju, din trid tkun vizibbli "*minn distanza li hi dik 'li soltu jkun hemm bejn in-nies*

[24] Wara kollox, l-espert mediku kkonferma illi Stephen Sultana ma kellux problemi biex ixomm.
[25] "*… the nose is still midly deviated to the left*". – Dok, KM1, fol. 104.

*meta jitkellmu ma' xulxin*"[26]. F'kull kaz, kollox jiddependi mill-entita` tal-hsara: mhux importanti x'tissejjah il-hsara f'termini medici jew popolari ghaliex dak li hu importanti hu **l-effett li l-hsara thalli fuq il-wicc**.

Fir-rigward, il-Qorti tirreferi wkoll ghal dak li ntqal sussegwentement mill-Qorti tal-Appell Kriminali fis-sentenza taghha fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Antonio sive Anthony Randich**, deciz fit-2 ta' Settembru 1999:-

*"Kif din il-Qorti kellha l-opportunita` li tirrimarka f'okkazzjonijiet ohra, l-isfregju ('disfigurement') fil-wicc (jew fl-ghonq jew fl-id) kontemplat fl-artikolu 216(1)(b) tal-Kodici Kriminali jista' jkun anke ta' natura temporanea, bhal, per ezempju, sakemm il-ferita tfiq. Huwa biss fil-kaz tal-hekk imsejjha 'offiza gravissima' fl-artikolu 218(1)(b) li l-ligi tirrikjedi l-permanenza (oltre l-gravita`) ta' l-isfregju. Mir-ritratti esibiti din il-Qorti tara li l-ewwel Qorti setghet legalment u ragjonevolment tikkwalifika l-offiza f'wicc Sultana bhala* ***sfregju (ghalkemm mhux gravi u anqas permanenti) peress li dik l-offiza kienet tiddisturba l-armonija tal-lineamenti tal-wicc u kienet tidher minn distanza normali****."* [emfasi ta' din il-Qorti]

Illi iktar minn hekk, huwa stabbilit li l-Qorti tista' tasal ghal konkluzjoni differenti minn dik tat-tobba. Dan il-principju gie affermat mill-Qorti tal-Appell Kriminali fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Francis Dingli**[27] fejn intqal illi:-

*"...* ***ghall-finijiet tal-artikolu 216 jekk hemmx sfregju jew le hi kwistjoni ta' fatt rimessa ghall-gudikant*** *... u dan kien perfettament intitolat li jasal ghal konkluzjoni differenti minn dik li wasal ghaliha l-espert tal-Qorti.* [emfasi ta' din il-Qorti]

Issa fil-kaz odjern, l-espert mahtur mill-Qorti kkonferma li Stephen Sultana soffra hsara fl-imnieher billi dan jidher li gie mghawweg lejn ix-xellug. **Ghalkemm ma**

[26] **Il-Pulizija vs Emily Zarb** Appell Kriminali, deciz 15.2.58, Kollezz. XLII.iv.1245, 1248.
[27] Deciza fit-12 ta' Settembru 1996

**jirrizultax li din id-devjazzjoni hija estetikament notevoli, gie kostatat li l-hsara hija xorta wahda vizibbli oggettivament.**

Fil-fehma tal-Qorti, dawn l-offizi jikkostitwixxu **l-isfregju** prospettat mis-subinciz (b) tal-Artikolu 216(1) tal-Kap. 9 kif ukoll, partikolarment kwantu ghall-ostruzzjoni tal-passagg nazali minhabba t-tghawwig fil-qarquca, **difett permanenti f'parti tal-għamla tal-ġisem**. Minn dan jikkonsegwi illi ghalkemm hemm element ta' permanenza fl-offizi subiti fl-imnieher, dawn m'humiex tal-gravita` li jehtieg sabiex tigi ravvizata l-offiza gravissima prospettata mill-Artikolu 218 tal-Kap. 9 izda huma **offizi ta' natura gravi fit-termini ta' l-Artikolu 216(1)(a)(iii) u (b) tal-Kap. 9.**

Peress li l-espert xehed illi l-kostatazzjonijiet medici li saru b'rabta mal-qasma fis-suba' li tirrizulta mill-X-ray, kif ukoll il-griehi dentali li garrab Stephen Sultana[28], jirrientraw fil-kompetenza specjalizzata ta' konsulent ortopediku u jezorbitaw mill-kompetenza tieghu bhala espert tal-ENT[29], il-Qorti ghandha quddiemha biss prova dwar in-natura gravi tal-offizi sofferti minn Stephen Sultana f'imniehru. Il-Qorti ma ghandhiex quddiemha prova sodisfacjenti illi l-offizi l-ohrajn konsistenti fil-frattura tas-suba' z-zghir u fis-sinna tal-kwerelant, ghalkemm ippruvat li gew imgarrba minn Stephen Sultana waqt l-argoment li kellu mal-imputat fit-13 ta' Lulju 2018, huma wkoll ta' natura gravi ghaliex igibu l-konsegwenzi msemmija fl-Artikoli 216 jew 218 tal-Kap. 9. Ghalhekk dawn l-offizi sejrin jitqiesu bhala offizi ta' natura hafifa a tenur tal-Artikolu 221(1) tal-Kap. 9, anke ghaliex mill-provi, senjatament ix-xhieda ta' Stephen Sultana, jirrizulta li dawn ma kienux ta' importanza zghira. Wara kollox, ir-reat taht l-Artikolu 221 huwa reat minuri li huwa kompriz fir-reat aktar gravi taht l-Artikolu 216 tal-Kap. 9.

---

[28] Ara wkoll ritratti Dok. MM5 sa Dok. MM9 tal-offizi fuq il-persuna ta' Stephen Sultana – fol. 31.

[29] Gie rapportat ukoll:- *It is of note that the patient also reports permanent deformity of his left little finger due to a fracture of the head of the middle phalanx of the left little finger documented by X-ray taken on the 13th July 2018 and a dental injury to left upper pt incisor which needed correction by a dental treatment. These kinds of disabilities need to be assessed by a specialist of such area, as they do not fall under the expertise of an ENT specialist.*

Ghaldaqstant, jirrizulta illi l-htija tal-imputat ghar-reat addebitat fl-ewwel akkuza, hija ppruvata fil-grad li tehtieg il-ligi ghaliex jirrizulta lil hinn minn kull dubju dettat mir-raguni, mhux biss li l-imputat, fit-13 ta' Lulju 2018, laqat lil Stephen Sultana b'daqqa ta' ponn jew iktar f'imniehru, izda wkoll li bhala rizultat ta' din l-aggressjoni huwa soffra offizi ta' natura gravi skont kif prospettat fl-Artikolu 216 tal-Kap. 9 kif ukoll offizi ta' natura hafifa skont l-Artikolu 221(1) tal-Kap. 9.

Ikkunsidrat;

Kwantu ghar-reat addebitat fit-tieni imputazzjoni, cioe` ir-reat ta' hsara volontarja, jirrizulta mix-xhieda ta' Stephen Sultana illi bid-daqqiet li l-imputat xejjrilu f'wiccu, nqalghatlu l-misluta tad-deheb li kien liebes f'widintu, liema misluta ma nstabitx. Dan jirrizulta wkoll mir-rapport li ghamel l-istess vittma fl-Ghassa tal-Pulizija minnufih, liema rapport xehed dwaru l-ufficjal tal-Pulizija[30] fix-xhieda tieghu. Il-vittma xehed illi huwa xtara misluta ohra simili tliet ijiem wara ghall-prezz ta' €75 minghand Mario Carabott u dan skont kif jirrizulta mir-ricevuta originali (Dok. MM4[31]) li giet mghoddija lill-Ispettur Mark Anthony Mercieca u giet esebita minnu. Ghalkemm il-kwerelant irrapporta wkoll illi l-imputat kissirlu n-nuccali bid-daqqiet li qala' minghandu, dan il-fatt ma ssemma mkien fix-xhieda la ta' Stephen Sultana u lanqas ta' martu.

Bl-istess mod, mhuwiex ippruvat sodisfacjentement illi l-imputat ikkaguna hsara fil-vettura tal-kwerelant : hu minnu li Stephen Sultana xehed li l-imputat ta daqqa ta' ponn u daqqa ta' sieq fil-vettura tieghu u kkagunalu ghafsa fil-pilastru tal-bieb izda la gew prodotti ritratti ta' din il-hsara jew prova ohra li tistabbilixxi oggettivament il-fatt tal-hsara, u lanqas sar rapport lill-Pulizija meta l-kwerelant eventwalment skopra din l-allegat hsara fil-vettura tieghu. Ghalhekk il-Qorti tqis illi l-htija tal-imputat hija ppruvata limitatament kwantu ghall-misluta li kien liebes Stephen Sultana, liema misluta ntilfet waqt li huwa safa aggredit mill-imputat.

---

[30] PC 145 Alan Joseph Saliba – Dok. AA, fol. 82.
[31] Fol. 30.

Ikkunsidrat ;

L-imputat gie wkoll mixli li saq il-vettura tal-ghamla Honda bin-numru ta' regsitrazzjoni IBV-389 b'manjiera traskurata, perikoluza u bla kont.

Il-Qorti rat il-provi u semghet id-deskrizzjoni ta' Stephen Sultana u martu dwar il-manuvra tal-imputat li qasam quddiemhom bil-vettura ftit tal-metri qabel kienu ser jaqbdu r-rampa li taghti ghar-roundabout tal-iskate park. Huma xehdu li nhasdu b'din il-manuvra ghaliex l-imputat gie b'velocita` minn warajhom u qasam il-karreggjata biex gie quddiemhom fil-karreggjata ta' gewwa minghajr ma xeghel l-indicator. Qalu wkoll li l-imputat beda jsuq u jibbrejkja quddiemhom u kien qed iserrep. L-imputat filwaqt li ammetta li huwa qabez il-vettura ta' quddiemu ghaliex kienet miexja bil-mod, cahad li huwa qasam il-linji bojod kontinwi biex ghamel il-manuvra ta' sorpass. Cahad ukoll li huwa beda jsuq u jzomm il-brake f'daqqa u qal li kienet il-vettura ta' warajh li kienet qed issuq vicin hafna tieghu.

Gie ritenut in materja illi:-

"*Sewqan traskurat (negligent driving) hu kwalsiasi forma ta' sewqan li jiddipartixxi minn, jew li ma jilhaqx il-livell ta' sewqan mistenni minn sewwieq ragonevoli, prudenti, kompetenti u ta' esperjenza. Bhala regola, il-ksur tar-regolamenti tat-traffiku kif ukoll in-non-osservanza tad-disposizzjonijiet tal-Highway Code li jincidu fuq il-mod jew il-kwalita` ta' sewqan ta' dak li jkun, jammonta wkoll ghal sewqan traskurat.*"[32]

[32] **Il-Pulizija vs. Michael Grech** deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali fl-20 ta' Frar 2007.

X'jikkostitwixxi imbaghad, perikolu fis-sewqan jew sewqan bla kont, huwa wkoll ben stabbilit fis-sistema guridika taghna. Fid-decizjoni tal-Qorti tal-Appell Kriminali fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Alfred Mifsud** tas-6 ta' Mejju 1997[33] , intqal hekk:-

"*Sewqan bla kont hu deskritt ... bhala sewqan 'bi traskuragni kbira'. Din it-tieni ipotesi, jigifieri ta' sewqan bla kont, tikkontempla s-sitwazzjoni fejn il-grad ta' traskuragni tkun kbira u tinkludi l-kazijiet fejn wiehed deliberatament jiehu riskji fis-sewqan li m'ghandux jiehu minhabba l-probabbilita' ta' hsara li tista' tirrizulta lil terzi, kif ukoll kazijiet fejn wiehed ikun indifferenti ghal tali riskji. Sewqan perikoluz (dangerous driving) jirrikjedi li fil-kaz partikolari s-sewqan kien ta' perikolu ghal terzi jew ghall-proprjeta` taghhom. Biex wiehed jiddeciedi jekk kienx hemm dana l-perikolu, wiehed irid jara c-cirkostanzi kollha tal-kaz, inkluzi l-hin u l-lokalita` ta' l-incident u l-presenza o meno ta' traffiku iehor jew ta' nies ghaddejjin bir-rigel. [...]* »

Il-Qorti fil-qies tad-divergenzi fix-xhieda dwar il-mod kif wettaq il-manuvra tieghu l-imputat, fin-nuqqas ta' provi oggettivament riskontrabbli u minhabba li ma jirrizultax sodisfacjentement ippruvat li huwa wettaq xi manuvra illegali, hija tal-fehma li ma tistax issib htija fl-imputat li saq b'manjiera traskurata. Wisq anqas li s-sewqan tieghu kien wiehed bla kont u perikoluz. Hemm qbil li huwa sorpassa lill-vettura tal-kwerelant b'mod li hasad lilu u lill-passiggier tieghu, izda l-fatt innifsu li huma nhasdu b'din il-manuvra jew il-fatt li l-kwerelant ma rax li l-indicator tal-vettura tal-imputat kien mixghul qabel qasmet minn karreggjata ghal ohra, ma jikkostitwixxix necessarjament sewqan traskurat. Barra minn hekk, filwaqt li huwa stabbilit li l-kwerelant teptep id-dawl ghaliex hassu aggravat bil-manuvra tal-imputat, il-Qorti ma thossx li tista' tistrieh unikament fuq il-percezzjoni tal-kwerelant u l-passiggier tieghu li s-sewqan tal-imputat tilhaq l-estremitajiet ta' sewqan traskurat, perikoluz jew bla kont.

[33] 13 Vol. LXXXI.iv.157.

Ghaldaqstant, mhux qed tinstab htija fl-imputat ghar-reat addebitat fit-tielet imputazzjoni.

Ikkunsidrat ;

Illi ghall-finijiet tal-piena il-Qorti hadet in konsiderazzjoni l-fatt illi r-rejazzjoni tal-imputat ghas-semplici teptip tad-dawl tal-vettura ta' Stephen Sultana, kienet wahda ferm eccessiva bhalma kienet ukoll eccessiva l-aggressjoni li biha huwa laqa' ghar-risposta tal-kwerelant li huwa teptep id-dawl ghaliex l-imputat kien qabzu. Il-Qorti ma tistax hlief tistmerr agir bhal dan fit-triq fejn hija imperattiva t-tolleranza u l-pacenzja kif ukoll iz-zamma tad-dixxiplina halli incidenti bhal dawn jigu evitati. Dan l-incident partikolari - li wara kollox kien facilment evitabbli kieku l-imputat baqa' sejjer fi triqtu – kellu konsegwenzi gravi ghall-kwerelant li mhux biss soffra griehi hfief fi snienu u f'subajgh, izda garrab griehi gravi u permanenti f'imniehru bhala rizultat tal-aggressjoni fiergha tal-imputat u l-Qorti ma tistax hlief teroga piena li hija idonea anke bhala deterrent kontra agir kriminuz bhal dan fit-toroq ta' pajjizna.

Hadet ukoll in konsiderazzjoni l-fedina penali nadifa tal-imputat kif ukoll il-fatt li huwa wera soghba ghall-offizi li kkaguna lill-kwerelant u ammetta li zbalja meta agixxa b'dak il-mod u li seta' evita s-sitwazzjoni.

Il-Qorti fil-qies ta' dan kollu, temmen li biex issir gustizzja f'dan il-kaz, ma jidhrilhiex illi ghandha tmur ghall-estremi tal-Ligi u tapplika l-piena ta' prigunerija effettiva, izda hija tal-fehma li ghandha teroga piena ta' prigunerja ghal terminu li ghandu jigi sospiz, u dan sabiex tinstawra fl-imputat l-gharfien illi eghmilu kien wiehed kriminuz u b'hekk jahsibha sew qabel jerga' jagixxi b'agir delinkwenti.

**Ghal dawn il-motivi filwaqt li ma ssibx lill-imputat hati tat-tielet imputazzjoni u tilliberah minnha, wara li rat l-Artikoli 17, 214, 215, 216, 221(1) u 325(1)(c) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, issib lil KARL BUGEJA hati tal-ewwel u t-tieni**

**imputazzjonijiet u tikkundannah erbatax (14)-il xahar prigunerija izda b'applikazzjoni tal-Artikolu 28A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, tordna li din is-sentenza ma tidholx fis-sehh hlief jekk hlief jekk, matul il-perijodu ta' sentejn mil-lum, il-hati jikkommetti reat iehor li ghalih hemm piena ta' prigunerija.**

**Wara li rat l-Artikolu 28H tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, il-Qorti qieghda tordna lil KARL BUGEJA jhallas lill-parti offiza Stephen Sultana is-somma ta' hamsa u sebghin Euro (€75) bhala kumpens ghad-danni li soffra, liema hlas ghandu jsir fi zmien mhux aktar tard minn xahar mil-lum.**

**B'applikazzjoni u ghall-finijiet tal-Artikolu 383 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, u billi tqis li huwa xieraq sabiex tipprovdi ghas-sigurta` ta' Stephen Sultana, il-Qorti qieghda torbot lill-hati, cioe` lil KARL BUGEJA b'obbligazzjoni tieghu nnifsu taht penali ta' hames mitt Euro (€500) li ma jimmolestax lill-istess Stephen Sultana u dan ghal zmien sena mil-lum.**

**Bl-applikazzjoni tal-Artikolu 533 tal-Ligijiet ta' Malta, il-Qorti tikkundanna lill-hati sabiex ihallas lir-Registratur tal-Qorti is-somma ta' mitejn u tnax-il Euro u hamsin centezmu (€212.50) rapprezentanti spejjez li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra tal-esperti[34] f'dawn il-proceduri**.

**Ai termini tal-Artikolu 28A(4) u 28H(8) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, il-Qorti spjegat lill-imputat, fi kliem car u li jinftiehem, ir-responsabbiltajiet tieghu taht l-Artikolu 28B jekk huwa jikkommetti, matul il-perjodu operattiv, reat li ghalih hemm piena ta` prigunerija u/jew jekk ikun hemm nuqqas ta' konformita` mal-ordni mahrug bis-sahha tal-Artikolu 28H.**

[34] Mr. Kenneth Muscat – rapport Dok. KM1, fol.104, 105.

**DR RACHEL MONTEBELLO B.A. LL.D.**

**MAGISTRAT**